# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 320/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Robert Said Sarreo)

vs

**Mario Zerafa**

iben John, imwieled Pieta', fis-6 ta' Gunju, 1966, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 277666(M)

Illum 24 ta' April, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Mario Zerafa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli nhar l-31 ta Jannar 2012 għal ħabta tas-19:30hrs ġewwa garage li jinsab ġewwa Misraħ San Nikola, Żabbar:

1. Eżerċita s-sengħa ta' sprayer mingħajr ma kellu l-liċenżja neċessarja sabiex jagħmel dan mingħand l-awtoritajiet kompetenti;

2. U aktar talli fl-istess ċirkostanzi dejjaq lil ġirien tiegħu b’irwejjaħ taż-żebgħa (spray);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-4 ta’ Lulju, 2014 fejn il-Qorti filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni u lliberatu minnha, wara li rat l-artikoli 10 u 18(1)(a)tal-kapitolu 441 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat ħati ta’ l-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu amenda ta’ mija u hamsin Euro (€150).

Rat ir-rikors tal-appellanti Mario Zerafa ppreżentat fis-16 ta’ Lulju, 2014 fejn talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Ġudikatura Kriminali nhar 1-4 ta' Lulju 2014 u dan billi tikkonfermaha fejn illiberatu mit-tieni imputazzjoni u tħassarha u tirrevokaha fejn sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni u konsegwentement tilliberaħ minn kull imputazzjoni u ħtija.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-liġi u tal-fatti,

Il-provi prodotti mill-Pulizija Eżekuttiva jikkonsistu f'żewġ xhieda u cioe' (a) ir-rappreżentant tat-Trade and Licencing Unit (TLU) u (b) l-affidavit ta' WPS 156.

Ir-rappreżentant tat-TLU xehed illi l-appellant ma kellux liċenżja ta' sprayer u hekk hu. WPS 156 fl-affidavit tagħha tispjega li agixxiet fuq telefonata anonima u wara li aċċediet fuq il-post setgħet tinnota illi mill-garaxx 17 kienet ħierġa foga ta' spray u li l-appellant stqarr magħhom li kien qiegħed jisprejja vettura u li ma kellux permess sabiex jaħdem. Bid-dovut rispett lejn l-ewwel Qorti, dawn il-provi ma jikkostitwixxux prova suffiċjenti kontra l-appellant u dan għas-segwenti ragunijiet;

a. Il-liġi tesiġi li sabiex l-appellant jinstab ħati ried jiġi pruvat mill-prosekuzzjoni u lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-appellant kien qiegħed jeżerċita attivita' kummerċjali. L-

appellant jagħmel ampja referenza għall-artikolu 2 tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta fejn il-liġi tipprovdi għad-definizzjoni ta' 'attivita kummerċjali' liema dispost jgħid is-segwenti:-

'attivita kummerċjali' tfisser l-eżerċizzju ta' xi attivita' kummerċjali jew ekonomika .....

L-appellant jagħmel ukoll ampja referenza għad-dispost tal-artikolu 10(1) tal-istess Kap 441:-

*M'għandha ssir ebda attivita kummerċjali f'Malta ħlief b'liċenża mingħand l-awtorita' regolatorja.*

Illi għalhekk mid-dispost ta' dawn iż-żewġ artikoli jirriżulta ampjament ċar illi sabiex tinstab ħtija taħt dan il-Kapitolu mhux suffiċjenti illi jiġi ippruvat illi persuna tkun qiegħda tagħmel xi forma ta' attivita' iżda li l-attivita' in kwistjoni tkun waħda kummerċjali.

b. Illi mill-provi prodotti jirriżulta biss illi l-esponenti kien qiegħed jagħmel attivita' ta' spray fuq vettura pero' bl-ebda mod ma' ġie ippruvat illi l-appellant kien qiegħed jagħmel din l-attivita' għal skop kummerċjali. Ma giex pruvat ta' min kienet il-vettura, lanqas kienx hemm vetturi oħra għall-ispray u kinitx l-unika vettura fil-garaxx, u l-uffiċjal tal-pulizija ma nnotax attivita' kummerċjali li setgħet kienet qegħda ssir fuq bażi regolari, lanqas nies deħlin u ħerġin jew ktieb tar-riċevuti fil-garaxx.

Dawn il-provi fost l-oħrajn kienu neċessarji li jiġu prodotti mill-prosekuzzjoni sabiex tinstab il-ħtija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-fatt li l-prosekuzzjoni kienet fi dmir li tipprova lli l-appellant kien qiegħed jeżerċita attivita' kummerċjali. L-attivita' kummerċjali ġiet pruvata permezz tal-affidavit ta' WPS 156 fejn l-appellant ammetta l-akkuża li huwa kien qed kemm jaħdem u kif ukoll jisprejja vettura. 'ħabbatna mal-bieb u ħareġ ikellimna ċertu Mario Zerafa u meta staqsejtu huwa qalli li kien qed **jisprejja vettura u li ma kellux permess biex jaħdem.'**

Li kieku kien qed jisprejja l-karozza tiegħu kien jinforma lis-surgent li kien qed jagħmel xogħol fuq il-vettura tiegħu u mhux jgħid li ma għandux permess biex jaħdem dak ix-xogħol. Infatti skont l-affidavit huwa jieqaf milli jagħmel dak ix-xogħol u jagħlaq il-garaxx.

Illi l-Artikolu 10 tal-Kap 441 tal-liġijiet ta' Malta rigward il-Liċenżi tal-Kummerċ isemmi kemm l-attivita' kummerċjali u kif ukoll il-liċenżja neċessarja mingħand l-awtorita' regolatorja. Il-fatt li ma kellux liċenżja ġiet konfermata mill-affidavit tas-surgent u mir-rappreżentant tat-Trading Licence fix-xhieda tiegħu.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-fatt li ma ġietx pruvata l-attivita' kummerċjali. Il-fatt li s-surgent ma tkellmitx dwar jekk kienx hemm iktar karozzi jew nies ma jfissirx li ma kienx qed jeżerċita s-sengħa ta' *sprayer* u kien hemm attivita' kummerċjali għax kieku ma kellux x'jaħbi u kien in regola biex jagħmel dan ix-xogħol ma kellux għalfejn jagħlaq il-garaxx.

Għalhekk din il-Qorti, taqbel perfettament mal-konklużjonijiet milħuqa mill-Ewwel Qorti u fiċ-ċirkostanzi ma hemm ebda raġuni għall-varjazzjoni tal-istess.

Għaldaqstant, tiċħad l-appell ta' Mario Zerafa u tikkonferma s-sentenza appellata.